Minuti tad-Disa' u Erbgħin (49) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija .

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Viċi-Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 8.00 p.m. |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | 5.30 p.m. | 8.00 p.m. |
| Il-Kunsillier Jason Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Kunsillier Peter Abela | 5.50 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | 6.10 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Ħamsa w Erbgħin (45) Laqgħa, tas-Sitta w Erbgħin (46) Laqgħa, tas-Sebgħa w Erbgħin (47) Laqgħa, u tal-Laqgħa Urġenti numru Tmienja w Erbgħin (48).**

Il-minuti kienu ntbgħatu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament wara li saru żewġ emendi kif ġej:

(a) Saret korrezzjoni fil-lista tal-attendenza tal-Kunsilliera tal-laqgħa sitta w erbgħin (46). Il-Kunsillier Martin Zerafa ġie mniżżel bħala **skużat** u mhux **assenti**.
(b) Inbidlu l-kliem **"il-kjosk l-ieħor"** mal-kliem **"kjosks oħra"** fil-paragrafu numru 1.08 tal-minuti tal-lagħa numru sebgħa w erbgħin (47).

**2.00 Punti Mqajma mill-Minuti.**

2.01 Dwar item 2.05 (Laqgħa Nru. 45 tas-17 ta' Novembru, 2011) is-Sindku, il-Perit Graziella Galea nfurmat lill-Kunsill li bi ftehim mal-kumpanija GO, u wara li saret il-polza tal-assikurazzjoni, saru 'pilot holes' fi Triq San Gorg u nstab li l-*cable* tat-telefonija kien biss 200 millimetru (8 pulzieri) taħt il-wiċċ tat-triq u għalhekk is-soluzjoni proposta originarjament ma setagħtx issir. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li f'dan il-każ għandu jiġi nfurmat il-Gvern Ċentrali.

Saret diskussjoni dwar x'jista' jsir u ġie deċiż li l-perit tal-Kunsill għandu jintalab parir dwar il-possibilita' li t-triq issir bil-konkos.

2.02 Dwar item 13.00 tal-Punti Mqajma (Laqgħa Nru. 45 tas-17 ta' Novembru, 2011) is-Sindku, il-Perit Graziella Galea nfurmat lill-Kunsill li l-*press conference* għal varar tal-Mappa Artistika ta' San Pawl il-Baħar li kienet saret fit-Torri Wignacourt kienet waħda ta' suċċess, u li għalija attendew diversi rappreżentanti tal-NGO's fil-lokalita'. Hi rringrazzjat ukoll lis-Sur Frans Scerri għax-xogħol volontarju li kien wettaq sabiex din il-mappa kienet possibli.

2.03 Dwar item 3 tal-Korrispondenza Numru 11 (Laqgħa Nru. 45 tas-17 ta' Novembru, 2011), il-Kunsilliera Jason Camilleri u John Bray iddikjaraw li huma kienu qed jirtiraw mil-lista ta' kunsilliera li kienu ġew maħtura biex jagħmlu spezjoni fil-latrini pubbliċi metu jiġu rrapurtati ħsarat.

2.04 Dwar item 5 – Mozzjoni Dwar Nuqqasijiet ta' Saħħa u Ambjent – (Laqgħa Nru. 45 tas-17 ta' Novembru, 2011), il-Viċi Sindku John Bray staqsa jekk kienx hemm xi Kunsillier li għadda xi emendi dwar din il-mozzjoni. Ġie deċiż li din il-mozzjoni titpoġġa bħala agenda *item* f'laqgħa oħra tal-Kunsill u terga' titressaq bl-emendi meħtieġa.

2.05 Dwar item 11 (Laqgħa Nru 46 tat-22 ta' Novembru 2011), il-Kunsillier Mario Camilleri talab id-dettalji li kien irrefera għalihom f'dik il-Laqgħa. Huwa staqsa x'kien ser jiġri wara l-ewwel tas-sena bit-twaqqif tar-Reġjun tat-Tramuntana. Is-Sindku qalet li r-Reġjun kien diġa' qed jopera. Il-Kunsillier Peter Abela qal li skont il-Legal Notice, il-Kumitat Konġunt tat-Tramuntana spiċċa u beda jopera r-Reġjun tat-Tramuntana. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li huwa għandu nteress jkun jaf x'ser jiġri dwar l'Authorised Officer u l-kuntratti relatati. Il-Kunsillier Peter Abela spjega li anke l-Authorised Officer ġie xolt skont il-Legal Notice.
Dwar it-tenders, bhal fil-kaz tal-wardens, is-Sindku qalet li hemm Kumitat apposta li jevalwa u jaġġudika t-tenders u wara l-proposta tigi diskussa fil-laqgha tar-Reġjun.

2.06 Dwar item 1.06 (Laqgħa Nru 47 tal- 25 ta' Novembru 2011) is-Sindku nfurmat li l-kont tar-resurfacing ta' Triq Busewdien fil-Wardija kien ġie jiswa madwar Euro 59,000 meta dan kien stmat li ser ikun Euro 50,000. Dan minħabba li waqt li kien qed

isir ix-xoghol kien hemm diversi hofor kbar li allura uzaw iktar materjal minn dak stmat. Originarjament il-Kunsill kellu jhallas Euro 20,000, filwaqt li l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad ihallas Euro 30,000. Saret proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku li din id-differenza ghandha tithallas fuq l-istess proporzjon u ghalhekk id-differenza għandha titħallas a bażi ta' 2/5 mill-Kunsill u 3/5 mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.
Ma kienx hemm qbil dwar dan u saret votazjoni bir riżultat ta' sitt voti favur u tnejn kontra. Il-Kunsilliera Ray Tabone u Alex Bezzina ivvutaw kontra, filwaqt li il-Kunsillier Mario Camilleri kien barra l-kamra. Il-proposta għaddiet.

2.07 Dwar item 1 tal-Laqgħa b'Urgenza Nru 48 tas-7 ta' Diċembru 2011, Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qalet li twaħħlu karti mal-Kazin tas-Soċjeta Muzikali San Pawl fejn kien hemm miktub: **'Il-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR jirrifjuta l'offerta tas-Soċjeta' tagħna biex ndoqqu SITT (6) servizzi, ta' sagħtejn kull wieħed, għall-festi tal-Milied bl'offerta ta' €1950, u jaċċetta offerta oħra bis-SOMMA ta' €4500 għal ĦAMES servizzi, €1000 għal kull servizzi ta' sagħtejn'.** Dawn il-Karti kien fihom ukoll l-istemma tal-Kunsill stampata fuqhom. Dan il-każ ġie referut lill-avukat tal-Kunsill u dan kiteb lis-Soċjeta' Mużikali San Pawl. Ġie ssuġġerit mill-Kunsillier Peter Abela li ssir *press-release* u li tinkiteb ittra lir-residenti sabiex il-Kunsill jirribatti l-akkużi li saru mis-Soċjeta. Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li wieħed irid joqgħod attend x'jinkiteb fl-ittra lir-residenti.

F'dan il-ħin il-Kunsilliera Raymond Tabone, Mario Camilleri u Peter Abela ħarġu barra mill-kamra u daħlu lura waqt il-korrispondenza.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**
Ġiet ippreżentata lista ta' Korrispondenza. Il-korrispondenza u d-deċiżjonijiet huma annessi.

**4.00 Materji Finanzjarji.**
4.01 Tressqu u ġew approvati unanimament listi ta' (a) Rendikont ta' Dħul ta' Fondi, (b) Rendikont ta' Pagamenti, u (c) Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol.

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv talab l-approvazjoni tal-Kunsill għal ħlas tal-onorarja u *allowances* tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Lulju u Diċembru 2011. Issemma l-każ tal-Kunsillier Alfred Grima li minħabba li kien għal żmien twil imsiefer kellu jfalli ħafna laqgħat tal-Kunsill.

F'dan il-ħin is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, iddeplorat il-fatt li ż-żewġ Kunsilliera Laburisti, Raymond Tabone u Alex Bezzina telqu 'l barra mil-Laqgħa u qagħdu barra l-uffiċċini tal-Kunsill waqt din id-diskussjoni.
Saret diskussjoni dwar dan is-suġġett u ġie deċiż u approvat unanimament mill-Kunsilliera preżenti li l-onorarja tal-Kunsilliera għandha titħallas sħiħa lill-Kunsilliera kollha għaliex kien hemm ġustifikazjoni dwar meta kien hemm Kunsilliera assenti, għal-laqgħat, inkluż il-każ tal-Kunsillier Alfred Grima.
Il-Kunsilliera Raymond Tabone u Alex Bezzina baqgħu ma rritornawx fil-kamra sa ma spiċċat il-laqgħa.

**5.00 Aġġornamenti.**

5.01 Il-Kunsillier u Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Ray Bartolo, talab l-approvazjoni tal-proposti tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad kif gej:

(a) Il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad iħallas il-kont pendenti li l-Klabb tal-Futbol ta' Burmarrad kellu mal-Enemalta għas-somma ta' madwar Euro 2,600. Dan minħabba li dan l-arloġġ tad-dawl inkwistjoni kien jforni d-dawl lill-*Playing Field* ta' Burmarrad li kien jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill u li fil-fatt il-Kunsill għal snin twal qatt ma kien ħallas jew ikkontribwixxa għall-konsum tal-eletriku.
Il-kunsill approva fil-prinċipju li jsir dan il-ħlas sabiex jiġi restawrat il-kurrent eletriku u jinxtegħel il-*playing field*, iżda dan suġġett għal tfassil ta' kuntratt mill-avukat tal-Kunsill.

(b) Il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad iħallas għall-konkos u ġarr ta' materjal sabiex tiġi tranġata temporanjament parti minn Triq Papa Gwanni Pawlu. Il-Kunsill approva.

(c) Issir bozza f'Wied Qannotta u jsir il-ħlas għal dan mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad skont stima ta' Enemalta. Il-Kunsill approva.

5.02 Il-Kunsillier Peter Abela talab li jinqatgħu s-siġar li hemm wara l-kjosks madwar il-kosta sabiex tkun tista' titgawda l-veduta tal-baħar minn min ikun għaddej fit-triq. Huwa semma li hemm bżonn isir *resurfacing* ta' triq u kien jippreżenta *site-plan* aktar tard.
Huwa informa wkoll li skont il-Perit Audrey Testaferrata De Nota ta' TM, linji bojod taħt il-bankini għandhom jinbidlu b'linji sofor.

5.03 Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li sid il-ħanut tal-pastizzi fi Triq San Pawl ħdejn il-MUSEUM kien qed jitlob li ssir *barrier* sabiex meta tkun ix-xita, u jgħaddu l-karrozzi dawn ma jtajrux ilma fuq il-bankina ta' mal-ħanut. Il-Kunsill iddeċieda li sid il-ħanut għandu japplika għal-U-Bend. Il-Kunsill għandu wkoll jara għaliex it-Triq qed iżżomm l-ilma.
Il-Kunsillier Jason Camilleri semma wkoll li ħdejn il-MUSEUM qed isir ħafna pparkjar ta'vetturi bl-addoċċ u kien hemm riskju kbir li jsir xi aċċident serju jekk dan ma jiġix ikkontrollat.

5.04 Is-Sindku l-Perit Graziella Galea proponiet li ssir *bill board* fiż-żona fejn qed isir il-proġett ta' Thalassalejn Boċċi Klabb sabiex il-pubbliku jkun infurmat dwar il-proġett li qed isir mill-Kunsill Lokali flimkien ma' Thalassalejn Boċċi Klabb. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku talbet li jiġi approvat t-*transfer* tal-*leave* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena ta' wara. Il-Kunsill qabel. Gie deċiż li l-ikla tal-Milied issir f'Jannar.

**6.0 Egħluq tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

| ___________________________ | ___________________________ |
|---|---|
| ***Perit Graziella Galea*** | ***John J. Camilleri*** |
| ***Sindku*** | ***Segretatju Eżekuttiv*** |

17 ta’ Jannar 2012 Ref: 55 / 0489 / 12 / OCZ